# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A LL.D.

Il-PULIZIJA

(Spettur Robert Vella)

vs

Dr. Joseph Spiteri

Kumpilazzjoni Numru: 249/19

Illum 11 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Dr. Joseph Spiteri detentur tal-karta tal-identita' numru 448562m akkuzat talli nhar it-12 ta' Mejju, 2018 u matul ix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer Maltin:-

*__1.__* gieghelt animal u cioe' kelb isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u kif ukoll talli abbanduna l-imsemmi kelb, ***__u__***

***dan bi ksur tal-Artikolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;***

*2.* u aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, zamm kelb minghajr licenzja u minghajr ma rregistra l-istess kelb mad-Direttur responsabbli ghas-Servizzi Veterinarji, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 5(2)(10) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 437.101 tal-Ligijiet ta' Malta;***

*3.* u aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, zamm, ostakola, attakka jew xort'ohra fixkel, jew ipprova jzomm, ostakola, attakka, jew fixkel lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, id-Direttur ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kull ufficjal ghall-harsien xieraq tal-annimali jew kull persuna ohra mahtura mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew mid-Direttur ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, jew kull ufficjal tal-Pulizija ta' Malta, gwardjan lokali, jew ufficjal pubbliku, impjegat jew haddiem ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' xi agenzija tal-Gvern fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu that l-Att 439 tal-Ligijiet ta' Malta jew regolamenti maghmulin tahtu, jew talli nqast milli jaghmel dak li ragjonevolment gie mitlub

minnu li jaghmel jew naqas milli jghinhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, jew xjentament ta li dawn il-peruni informazzjoni falza jew naqast jew irrifjuta li jaghti xi nformazzjoni mehtiega ghall-ghanijiet hawn fuq imsemmija, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 44B(5) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' April elfejn u dsatax (2019) fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat fost l-ohrajn li ma hax hsieb kif suppost numru ta' klieb li kien qed jiehu hsieb fir-residenza tieghu msemmija fl-akkuza u fil-perjodu specifikat fl-akkuza u li fixkel l-Awtoritajiet tal-Harsien tal-Annimali meta dawn kienu qeghdin jaghmlu spezzjonijiet f'dan il-fond jew ma tahomx dawk il-partikolaritajiet li kellhom bzonn fil-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Qorti semghet diversi xhieda fosthom ta' **WPS 145 Graziella Zammit** fejn din esebiet kwerela minn Mr. Noel Montebello bhala Direttur ghall-Harsien Xieraq tal-Annimali (Dok. GZ1) sabiex jibdew proceduri kriminali fuq mohqrija tal-annimali u Dokument GZ2 li huma serje ta' ritratti li juru l-post tal-akkuza u l-annimali inkwistjoni mehudin mix-xhud stess fix-xahar ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) u Dokument GZ3 hija l-okkorrenza.

Semghet ukoll lil **Joseph Cassar** mid-Dipartiment ghall-Harsien tal-Annimali fejn spjega li l-involviment taghhom beda minn raport li sar lilhom fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) rigward annimali fejn huma kienu marru fuq il-post li hu St. Joseph Farmhouse, Triq tal-Kalkara, Dingli fejn dawn ma sabu lil hadd u hallew *calling note* fejn l-ghada cemplilhom l-imputat u

meta regghu marru fuq il-post fl-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) sabu kelb marbut fuq barra b'katina, kellu *half choker* li kien irritalu ghonqu ghax kien jidher misluh u ghalhekk qalulu biex inehhiha u jikkurah.

Huwa jghid illi b'kollox sabu sebat (7) iklieb fuq il-post fosthom *Fox Terrier*, *Malamute, Saint Bernard, German Shepard* u zewgt iklieb ohra ippastardjati marbutin. Jghid ukoll li l-*Malamute* ma kellu *shelter* xejn u kien marbut fuq katina qasira pero' din kienet m'ghadiex kontra l-ligi. Kelb iehor kien marbut go girna u ma kellux spazju bizzejjed sabiex jghix sew. Kelb iehor iswed kellu biss bicca kaxxa ta' nofs metru u qalulu biex ikabbar. Huwa kellu wkoll klieb mhux registrati jew registrati fuq haddiehor u qalulu li kienu ser ituh cans sabiex jirregola ruhu.

Xi t-tnax (12) ta' Mejju regghu marru b'appuntament mal-akkuzat u sabuh izobb kelb *Belgian Shepard* u meta staqsewh x'gara minn dak il-kelb li kellu l-irritazzjoni f'ghonqu hu qalilhom li dak kien kelb ta' haddiehor u raddulu lura ghax ma kienx iccipjat. Dan ma riedx itihom dettalji ta' min kienet din il-persuna minhabba li kien klijent tieghu peress li hu kien psikjatra. Illi a rigward il-klieb l-ohra

l-akkuzat qallu li xi hadd kien dahal fil-propjeta' u qatillu erbat iklieb imma ghal dan ma kienx ghamel rapport l-ghassa ghaliex qal li ma kienx jemmen fil-pulizija. Wara wrihom il-*Fox Terrier* li dan kien b'sahhtu izda pero' li kien jghix go garaxx mimli affarijiet u makkinarju u raw li kellu ferita f'saqajh u meta staqsewh jekk kienx hadu ghand veterinarju dan qal illi hu kien tabib u seta' jfejjqu hu stess.

Meta staqsih fuq il-klieb mejtin hu wrih ritratt ta' *Saint Bernard* mindud mal-art izda ma setax jghid jekk dan kienx mejjet jew semplicement rieqed. L-imputat ikkonferma maghhom illi hu kien difinhom u wrieh fejn kien difinhom. Meta x-xhud qallu li ma kienx qed jemmnu dan beda jirrabja u talab lix-xhud il-partikolaritajiet tieghu sabiex jirrapurtah. L-imputat qallu li jekk irid seta' jhaffer biex jara b'ghajnejh u wara li x-xhud accetta, dan gablu zappuna u fies u beda jhaffer. X'hin sab id ta' kelb l-imputat beda jghajjat u keccihom 'il barra u gheddidhom li jekk kienu ser jergghu jmorru kien ser ikeskes il-kelb ghalihom.

Hu mbaghad jghid illi waqaf hemm u telqu 'l barra u marru minnufih jaghmlu kwerela. Ix-xhudipprezenta Dokument JC1 li

huwa r-rapport datat 1 ta' Frar 2018 u sett ta' ritratti, Dokument JC2 li hu rapport datat 29 ta' April 2018 u sett ta' ritratti, Dokument JC3 li hu rapport datat 12 ta' Mejju 2018 u ritratti.

Xehdet ukoll <u>Fiorita Maria Sammut</u> li wkoll tirraprezenta l-*Animal Welfare* fejn ikkonfermat illi hija kienet marret ghall-ewwel spezzjoni ma' Joseph Cassar. Ikkonfermat is-sitwazzjoni li sabu fuq it-tieni spezzjoni fejn iltaqghu mal-imputat u cioe' fi Frar. Huma kienu baqghu li tawh cans sabiex jirrettifika s-sitwazzjoni u jiccippja dawk li ma kinux iccippjati u li jaghmel transfer ta' dawk li kienu ccippjati fuq haddiehor.

Tghid illi fit-tnax (12) ta' Mejju regghu marru u sabu lill-imputat flimkien ma' *Belgian Shepard*. Fuq il-*Fox Terrier* din ikkonfermat li kellha xi feriti u li l-imputat kien qallhom li hu kien tabib u kien jikkuraha hu. Hi kkonfermat illi meta bdew ihaffru ghall-klieb mejta l-imputat kien waqqafhom meta harget l-id tal-kelb u beda jheddidhom li jekk kienu ser jigu darb'ohra kienu ser isibu l-klieb mahlulin.

Semghet ix-xhieda tal-<u>Ispettur Robert Vella</u> fejn wara li rega' rrepeta kif graw l-avvenimenti pprezenta l-istqarrija tal-imputat (Dok. RV6).

Xehed ukoll kollega iehor fid-Dipartiment ghall-Harsien tal-Annimali <u>Mario Axisa</u> li kkonferma dak li kienu qalu qablu l-kollegi tieghu.

Finalment xehed ukoll l-imputat fejn spjega illi huwa ghandu passjoni ghall-klieb ihobbhom hafna u peress li huwa ghandu art kbira hafna drabi kienu jigu nies u jistaqsuh jekk jistax izomm il-kelb taghhom. Jghid illi f'xi Marzu jew April kienu gew tal-Harsien tal-Annimali u gara li dak iz-zmien kellu klieb li ma kinux iccippjati u ohrajn li kienu ccippjati fuq haddiehor u xi sebgha ohra registrati fuqu. Huwa jghid illi wara l-ewwel spezzjoni fejn l-Awtorita' sabet xi nuqqasijiet huwa pprova jirrangahom ghax fil-fatt kellhom jergghu jmorru jaraw.

L-imputat spjega wkoll illi huwa xi kultant jiehu klieb li jkunu tal-pulizija u li ma jitghallmux ixommu d-droga u jrabbihom hu (Dok JS1 u Dok JS2).

A rigward is-*Saint Bernard* jghid illi dan ukoll kien ta' xi haddiehor u li kienu ccipjati fuq din il-persuna meta gew tal-Awtorita' l-ewwel darba izda gara illi fil-mori ta' meta gew l-ewwel darba u t-tieni darba li dan kellu sbatax-il sena meta l-eta' medja ta' dawn il-klieb hija ghaxar snin u darba fost l-ohrajn sabu mejjet. Illi jghid ukoll illi kien hemm erbat iklieb ohra li mietulu ghax dak iz-zmien kien zmien il-kacca u probabbilment kienu gew ivvelenati u peress li dak iz-zmien kellu *issue* mal-pulizija peress li ma kinux hadu passi fil-konfront tal-pulizija huwa ma kienx ghamel rapport.

A rigward il-*Fox Terrier* dan jghid li ma kienx tieghu u li kien gie ghall-gharrieda fil-propjeta' tieghu u beda jikkurah ghaliex ra li kellu gerha.

Fuq il-kelb li kien midfun l-imputat jghid illi vera li kien urieh fejn kien midfun u li tah zappuna u fies biex jibda jhaffer izda x'hin ra s-sieq tal-kelb huwa qallu biex jieqaf u jhallih hemm midfun fil-kwiet.

Ikkunsidrat:

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*
>
> *Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid*

*il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija*

*vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case*

*is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jrid jinghad illi fl-ewwel spezzjoni li ghamlu d-Dipartiment ghall-Harsien tal-Annimali sabu diversi nuqqasijiet li fl-opinjoni tal-Qorti ma kinux kbar li turi xi mohqrija tal-annimali izda fejn l-imputat inghata zmien sabiex jirranga dawn in-nuqqasijiet. Fost dawn in-nuqqasijiet kien hemm xi annimali li kienu bla cippa jew iccipjati f'isem haddiehor.

Issa mill-bidu tal-proceduri l-akkuzat minn dejjem kien kostanti fil-verzjoni tieghu sa mill-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa jghid illi hafna drabi jigi biex isib annimali wara l-bieb jew jigu nies biex izommilhom dawn il-klieb u dan ghaliex jafu li hu jhobb l-annimali u ghandu fejn izommhom. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-verzjonijiet li ta l-imputat huma veritjieri u ghandhom jigu emmnuti.

Illi gara illi fit-tieni spezzjoni nstabu erbat iklieb li l-imputat qal li gew maqtula kif ukoll dak il-kelb li kien midfun. Issa l-imputat beda jiddeskrivi kif kien wiehed mill-ufficjali tad-Dipartiment u cioe' Joe

Cassar li ma tantx kien ha grazzja mieghu izda jinghad illi l-imputat ma mexiex sew illi waqqaf lil dawn l-ufficjali sabiex jaghmlu xogholhom fil-liberta' u fis-serenita'. Din il-Qorti ma hijiex ser tidhol fuq kif gew kondotti dawn l-investigazzjonijiet li ghalihom ghandha riservi kbar stante li setghu jsiru b'aktar professjonalita' imma xorta wahda jibqa' l-fatt illi l-imputat waqqafhom milli jkomplu b'xogholhom.

Illi a rigward il-kumplament tal-akkuzi u cioe' rigward il-mohqrija din il-Qorti ma rat l-ebda mohqrija tal-annimali. Dak li rat kienet kelb *Fox Terrier* li kellha gerha u li l-imputat stqarr li ma kinitx tieghu izda xorta wahda kien qed idewwiha. Il-Prosekuzzjoni jew il-kwerelanti ma ppruvawx li dan il-kelb kien qed isofri xi wgiegh tali li tikkostitwixxi mohqrija. Id-Dipartiment kellu jissekwestra dan il-kelb u jigi nvistat minn veterinarju li kieku verament kien jemmen li dan kien mahqur. Kien ukoll jinsisti li dak il-kelb midfun jigi riezumat u ssirlu awtopsja. Dan ma sar xejn allura kif il-kwerelanti Dipartiment ghall-Harsien tal-Annimali jippretendu illi din il-Qorti ssib htija fuq l-ilment taghhom?

Illi a rigward l-iccippjar tal-*Fox Terrier* din il-Qorti rat ir-rapport ta' Joe Cassar (Dok JS3) fejn rat li dan il-kelb kien iccippjat fuq isem certu Tony Micallef. Issa dan Cassar fix-xhieda tieghu ma semma' xejn minn dan ghalkemm halef ir-rapport fl-intier tieghu u wisq aktar ma spjegax kif hu kkonferma l-iccippjar ta' dan il-kelb kif ukoll tal-klieb l-ohra. Ulterjorment ma ngabux il-persuni li fuqhom allegatament kienu dawn il-klieb bhala xhieda.

Illi dawn in-nuqqasijiet kollha ma jaghmlux il-kaz tal-prosekuzzjoni tajjeb bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex din il-Qorti ssib htija fuq maggjor parti tal-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 44B(5) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien vigenti qabel l-emendi tal-2019 (illum Art 44B(6)), qed issib lill-imputat **Joseph Spiteri** hati biss tat-tielet (3) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**